MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 757/1995/1

**Carmel sive Charles Attard u John Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Attard Brothers**

**vs**

**Domnic Micallef u Raymond sive Renee Micallef ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Micallef Enterprises Limited**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-atturi nomine ppremettew illi:

Peress li l-atturi nomine bieghu lill-konvenuti nomine diversi attrezzaturi in konnessjoni mal-gestjoni ta' nightclub illi gew debitament konsenjati u nstallati, kif ukoll taw servizz ta' nstallazzjoni u ta' maintenance fin-nightclub gestit mill-konvenuti u l-konvenuti wara li hallsu xi ammonti issa baqghalhom ihallsu bilanc ta' dsatax-il elf, mitejn u erbgha u ghoxrin lira, u tlieta u sebghin centezmu (apparti
somma ohra koperta b'kambjali): liema bilanc huma ma hallsux nonostante diversi nterpellazzjonijiet;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tikkundannahom ihallsu lill-atturi nomine s-somma ta' Lm19,224.73c ghar-ragunijiet indikati;

Bl-ispejjez komprizi tal-ittra nterpellatorja tal-1 ta' Settembru 1994 u mghaxijiet kummercjali kontra l-konvenuti nomine illi huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat Id-Dikjarazzjoni tal-atturi nomine a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 16 tal-process fejn eccepew:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-makkinarju u l-atrezzi mibjugha mill-attur lill-konvenut huma difettuzi u ma ntuzawx u m'humiex qed jintuzaw mis-socjeta' konvenuta.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **l-att tal-kontro-talba** li permezz taghha l-konvenuti nomine ppremettew illi:

1. Peress illi l-esponenti xtara minghand is-socjeta' attrici l-atrezzi msemmija minnu fic-citazzjoni flimkien ma' makkinarju u atrezzi ohra u dan sabiex jintuzaw fin-nightclub tas-socjeta' konvenuta.

2. U peress illi rrizulta li numru sostanzjali mill-istess makkinarju u atrezzi kienu difettuzi kull meta l-konvenut kellem lill-atturi dawn kienu jaccettaw li l-istess kienu difettuzi pero' qatt ma haduhom lura.

3. U peress illi n-nuqqas da parte tal-atturi kkawza danni lis-socjeta' konvenuta, konsistenti f'nuqqas ta' ntrojtu u f'xiri ta' makkinarju iehor, li ghalihom l-atturi huma responsabbli stante li l-makkinarju u l-altrezzi minnha mixtrija minghand is-socjeta' attrici jew almenu parti sostanzjali minnu mhux tajjeb ghall-iskop inkluz.

Jghidu l-atturi ghaliex m'ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi-

1. Tiddikjara illi l-attur nomine ma esegwiex l-inkarigu lilu fdat billi biegh u kkonsenja lis-socjeta' konvenuta makkinarju difettuz u mhux tajjeb ghall-iskop li nxtara u konsegwentement l-attur naqas fid-doveri tieghu versu s-socjeta' konvenuta.

2. Jigi kkundannat jiehu lura dak il-makkinarju li jirrizulta difettuz u konsegwentement jirrifondi lis-socjeta' konvenuta dik is-somma li tirrizulta hekk dovuta.

3. Tiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni subiti mis-socjeta' konvenuta, jekk hemm bzonn permezz tan-nomina ta' periti.

4. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.
5. Tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat Id-Dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 17 tal-process

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi nomine ghall-kontro-talba tal-konvenuti nomine** a fol. 14 tal-process fejn eccepew:

1. Il-preskrizzjoni tal-azzjonijiet li qed jipproponi l-konvenut; ta’ sentejn ghal dik ghad-danni (Art 2153 tal-Kodici Civili) u ta’ sitt xhur ghal dik redibitorja (Art 1431).

2. Illi f’kull kaz il-konvenut ma jistax jipproponi z-zewg azzjonijiet imsemmija kontestwalment.

3. Illi assolutament mhux minnu li l-oggetti mibjugha kienu difettuzi tant li l-konvenut kien u (safejn jafu l-esponenti) ghadu qed jaghmel uzu minnhom.

4. Illi ghalhekk huwa ma jistax izomm l-oggetti msemmija u jippretendi li ma jhallas taghhom, semmai kienu difettuzi kellu jiddepozitahom taht l-Awtorita’ tal-Qorti.

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli.

Rat id-decizjoni preliminari ta’ dina l-Qorti tat 30 ta’ Gunju 1998 (a fol 46 st seq) li biha laqghet l-eccezzjoni preliminari ta’ l-atturi ghall kontrotalba tal-konvenuti billi ddikjarat l-azzjoni tal-konvenuti bhala preskritta a termini ta’ l-artikoli 2153 u 1431 tal-Kap 16 u konsegwentement cahdet it-talbiet tal-konvenuti kontenuti fil-kontrotalba taghhom. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Il-konvenuti kienu appellaw minn dina s-sentenza.

Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tat 28 ta’ Jannar 2001 li biha ddikjarat l-proceduri ta’ l-appell bhala irriti u nulli u ma haditx konjizzjoni taghhom. Spejjez ghall-appellanti noe.
Rat id-degriet a fol 21 li bih gie nominat espert tekniku;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-partijiet;

Illi kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq it-talba ta’ l-atturi u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u dana billi l-ewwel eccezzjoni li saret ghal kontrotlaba tal-konvenuti dwar

preskrizzjoni kienet giet milqugha minn dina l-Qorti u l-appell minn dina s-sentenza kien gie michud.

**Kontestazzjoni**

L-atturi qed jitolbu s-somma ta' Lm19,224.73c ta' diversi attrezzaturi in konnessjoni mal-gestjoni ta' nightclub li gew debitament konsenjati u nstallati, kif ukoll ghall servizz ta' nstallazzjoni u ta' maintenance fin-nightclub gestit mill-konvenuti. Huma jghidu li l-apparat, wiehed principalment ta' sound system, gie stallat u baqa' jigi uzat mill-konvenuti li ma kellhomx ilmenti hlief xi ftit xhur qabel ma giet prezentata dina l-kawza meta kienet saret laqgha bejn il-partijiet u l-avukati. L-atturi ighidu li l-konvenuti ma kienux specifici fuq dawn l-ilmenti li kellhom cjoe ma kienx hemm ilmenti specifiku fuq xi oggetti jew parti partikolari mill-appart u dejjem tkellmu in generali. Isostnu li l-konvenuti baqghu ihallsu ratealment minn 1993 san 1995 imbaghad waqfu meta bdew l-ilmenti. Il-konvenuti baqghu jaghmlu uzu mill-appart san 1997 hlief ghal xi parti li normalment trid tinbidel kull tant zmien. Meta nqalghu l-ilmenti l-atturi jghidu li huma kienu lesti li jirrangawhom jekk kien hemm xi affarijiet difettuzi imma riedu li qabel xejn l-konvenuti ihallsu l-arretrati fuq l-apparat li ma kienx kontestat. Izda l-konvenuti ma riedux ihallsu.

Il-konvenuti jissottomettu illi l-makkinarju u l-attrezzi mibjugha lillhom mill-atturi huma difettuzi u ma ntuzawx u m'humiex qed jintuzaw mis-socjeta' konvenuta. Il-konvenuti ressqu wkoll difizi ohrajn fosthom li huma m'ghandhom jaghtu xejn lill atturi ghax hallsu kollox permezz tal-kambjali i nhargu meta inghata dana l-appalt, kif ukoll qed jissottomettu li fuq l-invoices li gew ezebiti mill-atturi ma hemmx il-firem tal-konvenuti jew persuni awtorizzati minnhom li jikkonfermaw li l-appart gie konsenjat.

**Konsiderazzjonijiet**

**Konsenja apparat**

Illi dwar din l-ahhar linja ta' difiza avvanzata mill-konvenuti li fuq l-invoices li gew ezebiti mill-atturi ma hemmx il-firem tal-konvenuti jew persuni awtorizzati minnhom li jikkonfermaw li l-appart gie konsenjat, il-Qorti tiddeciedi li dina d-difiza hi kontradetta mill-fatti kif jemergu fil-kawza. Il-kontestazzjoni tal-konvenuti dejjem kienet li dan l-apparat kien difettuz u mhux li ma giex konsenjat. L-atturi spjegaw li huma kienu konsenjaw kollox fil-post tal-konvenuti, u dawn baqghu juzaw minghajr ilmenti san 1995. Inoltre meta gie stallat l-apparat kien hemm prezenti l-inginier tal-konvenuti fuq il-post u kien jissorvelja x-xoghol li kien qed isir u anke l-kwalita' ta' l-equipment minghajr ma sar ilment. (ara fol 74).

**Kambjali**

Il-konvenuti jissottomettu wkoll li kull ma kien miftiehem ma' l-atturi bhala xoghol u istallazzjoni fil-post kien kopert kollu kemm hu permezz ta' kambjali u dawn gew kollha onorati mill-bank u huma gew addebitati bl-import taghhom. L-atturi invece ighidu li huma qed jitolbu s-somma ta' Lm 19,224.73 izda l-ammont originali kien ferm akbar minn Lm 30,000 (ara fol 70 et seq u 76 et seq) u parti biss minnhom thallsu permezz ta' kambjali. Il-konvenuti jaqblu li l-ordni kienet tammonta ghal xi Lm 50,000 (ara fol 90). L-atturi jirritjenu li l-kambjali thallsu u l-kumplament kien qed jithallas ratealment san 1995 meta imbaghad il-konvenuti waqfu.

Il-Qorti wara ezaminat il-provi hi tal-fehma li l-kambjali li thallsu kienu jkopru biss parti mill-prezz ta' l-appalt. Il-kambjali kienu jammaturaw l-aktar san 1993 mentri l-atturi jghidu li l-konvenuti baqghu jhallsu san 1995. Inoltre fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti ma giex eccepiet li sar il-pagament imma li m'ghandhomx jaghtu ghax xi partijiet mill-apparat huwa difettuz. Mix-xhieda jirrizulta wkoll li l-konvenuti kienu qed jirrikonoxxu li ghandhom jaghtu somma ulterjuri izda ma kienux lesti li jhallsuha qabel ma jigu irrangjati l-allegati difetti.

**Apparat difettuz.**

Id-difiza principali tal-konvenuti kienet li l-makkinarju u l-attrezzi mibjugha mill-atturi lillhom huma difettuzi u ma ntuzawx u m'humiex qed jintuzaw mis-socjeta' konvenuta.

Fil-fatt jirrizulta li l-apparat baqa' jintuza mill-konvenuti san 1997. Il-konvenuti jghidu li huma rritornaw xi apparat li kien difettuz lill-atturi biex jinbidel izda dana baqa' ghand l-atturi. Dwar dina l-allegazzjoni l-konvenuti ma gabu ebda prova. Anzi jirrizulta  mit-tieni talba tal-kontrotalba li l-konvenuti qed jitolbu li l-atturi jigu kkundannati jiehdu lura l-makkinarju difettuz, altru milli li l-apparat gie ritornat. Inoltre Dominic Micallef ghalkemm wieghed fil-Qorti li kien se jipproduci ittra li jghid li kien baghat lill atturi  fejn jelenka d-difetti li kien hemm, fil-fatt pero' hu baqa'  ma pprezentax dina l-ittra. Micallef  inoltre pprezenta diversi kopji ta' ittri u dokumenti in sosten tal-allegazzjoni tieghu li xtara equipment iehor minghand terzi, izda l-Qorti tirrileva li l-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti ma gie konfermat bil-gurament jew spjegat f'hiex kien jikkonsisti. Lanqas  ma saret prova li l-konvenuti kienu infurmaw lill-atturi li huma kienu se jixtru apparat iehor minghand terzi.
Dwar dawn l-allegat difetti fl-appart in kwistjoni dina l-Qorti diversament presjeduta kienet innominat espert tekniku (ara fol 21) biex jezamina l-apparat in kwistjoni u jirrelata dwarhu. Jidher pero li ma sar xejn u ma hemm indikazzjoni li saru xi seduti jew li gie prezentat xi rapport. Ghalhekk il-Qorti se timxi daqs li kieku ma gie nominat ebda perit tekniku.
Il-konvenut ighid li l-ordni kienet ta' xi Lm 50,000 mentri d-difetti kienu jilhqu ghal xi Lm 9000. Prova dwar dawn id-difetti ma saritx. Kif diga ntqal il-konvenut kellu jezebixxi ittra li qal li baghat lill atturi fejn indika dawn id-difetti izda dina l-ittra baqghet ma ntbaghtitx. L-atturi jsostnu li huma kienu stallaw l-appart sa Jannar 1993 u kienu bdidlu xi item fuq talba tal-konvenuti u qabel in 1995 ma kienx hemm ilmenti mill-konvenuti li baqghu juzaw is-sound system fil-club taghhom. Dan kien gie stallat taht is-sorveljanza ta' l-ingineer tal-konvenuti li ra l-kwalita tieghu. L-atturi spjegaw li l-konvenuti riedu jziedu s-sound izda skond l-atturi din kienet kwistjoni ta' zieda fl-ispeakers u mhux li jizdied is-sound u ma kienux lesti li jidhlu

responsabbili ghal hsarat jekk il-konvenuti jmissu l-apparat.

Il-Kodici Civili jimponi l-obbligu illi persuna li tkun saret taf bid-difett li kellhu l-oggett mixtri li tiddepozita l-istess oggett taht l-awtorita' tal-Qorti biex b'hekk dan jibqa' fl-istat li kien fil-mument li huwa jkun induna bid-difett. Jirrizulta illi anke meta l-konvenuti saru jafu bl’allegati difetti huwa xorta wahda - almenu ghal sentejn wara din ix-xjenza – baqghu jaghmel uzu mill-appart u b'hekk jigi li komplew jesegwixxu u jusufruwixxu mill apparat konsenjat li huma jghidu li kien difettuz. Huma qatt ma interpellaw ufficjalment lill-atturi biex jaghmlu tajjeb ghad-difetti jew iddepozitaw l-apparat difettuz fil-Qorti. (Ara sentenza 738/88 MB fl-ismijiet "***Carmel Vella vs Rosalie Mifsud" deciza fit 2 ta' Novembru 1990").***

Hija rilevanti s-sentenza fl-ismijiet **‘Louis Soler v. Nazzareno Vassallo’** (PA. 20.06.2002) li rriteniet illi:

*“L-agir ta’ persuna ghandu jkun konformi mal-posizzjoni li dik il-persuna trid tiehu fil-kuntest u jekk dak l-agir ikun ambigwu jew mhux konformi mal-posizzjoni rigida li dik il-persuna trid tiehu, ma tistax aktar isserrah fuq dik il-posizzjoni rigida li ma tkun konformi mal-agir taghha.”*

Insibu dan il-kuncett rifless kemm fid-dritt kif ukoll fil-gurisprudenza taghna. Hekk per ezempju issir riferenza ghall-artiklu 1227 et seq tal-Kodici Civili dwar ratifika ta’ obbligazzjoni li kontra taghha l-ligi taghti l-jedd ta’ l-azzjoni jew l-eccezzjoni ta’ rexissjoni minhabba nullita. F’dawk il-kazijiet ta’ bejgh fejn ix-xerrej jilmenta li l-oggett supplit mhuwiex tal-kwalita pattwita, l-accettazzjoni ta’ l-oggett titqies bhala akkwijexxenza.

Fix-xhieda tieghu l-konvenut Dominic Fenech ighid li huma kienu rritornaw lura l-oggetti li huma deherilhom kienu bil-hsara lis-socjeta attrici u safejn jafu dawn l-oggetti ghadhom fil-pussess tas-socjeta attrici. Illi mill-provi gja ezaminati ma jirrizultax li effettivament il-konvenuti rritornaw l-apparat allegatament difettuz imma komplew juzaw l-istess apparat.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;
Tilqa t-talba attrici;
U tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm19,224.73c (ossija €44,781.57);
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;
Bl-imghax kummercjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------